MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 296/1998

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**JASON PSAILA ta’ 37 sena, iben Andrew u Emanuela nee’ Hayman, imwieled Attard nhar id-29 ta’ Mejju, 1974, residenti Woodstock, Saqa it-Tramuntana, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 333974M;**
**OMISSIS;**
**OMISSIS;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Jason Psaila** li gie akkuzat talli:

1. Ikkorrompa lil PC 1537 Stephen Caruana ai termini tal-Artikolu 120 tal-Kodici Kriminali;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00 ghad-dannu tas-socjeta’ assiguratrici Elmo Insurance u persuni ohra, ai termini tal-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali;

3. U aktar talli sar komplici fir-reat ta’ frodi dwar sigurta’ billi gieghel id-delitt isir, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, jew billi xewwex lil haddiehor, inkella sahha il-volonta’ tal-awtur jew tal-awturi sabiex id-delitt isir, jew weighed lill-awtur jew lill-awturi li wara jassistihom, jieqaf maghhom, jew jikkompensahom ai termini tal-Artikoli 42 – 47 tal-Kodici Kriminali;

4. U aktar talli sar komplici fir-reati ta’ falsifikazzjoni maghmula minn Stephen Caruana, Joseph Pisani, Paul Pisani, u William Harmon, billi gieghel id-delitt isir, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, jew billi xewwex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta’ tal-awtur jew tal-awturi sabiex id-delitt isir, jew wieghed lill-awtur jew lill-awturi li wara jassistihom, jieqaf maghhom, jew jikkompensahom ai termini tal-Artikoli 42 – 47, 180, 185, 186, 187, u 188 tal-Kodici Kriminali;

5. U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datat 26.05.1994; u tal-

04.07.1995, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

Illi tista' tghid li din il-kawza, almenu minn naha tad-Difiza, giet attakkata fuq zewg binarji. Fil-verita' x-xhieda principali kienu fil-fatt indirizzati ghaldaqshekk.

Ix-xhieda mressqa ghalhekk kienet tirrigwardja l-istqarrija nnifisha, cioe' l-ammissibbilta' taghha, in kwantu rrizulta mill-atti li l-imputat aktarx inzamm taht arrest oltre t-tmienja u erbghin siegha permessi mill-Ligi. Din il-lanjanza giet ben indirizzata minn din il-Qorti diversament preseduta (datata 05.10.1999 li giet sussegwentement annullata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Illi oltre dik l-analizi hemm maghmula, din il-vertenza llum sabet soluzzjoni diversa, ghalkemm infelici, u dan kif gie stabbilit mill-Qrati Kostituzzjonali taghna u dawk tal-Qorti Ewropea, in kwantu l-istqarrija ttiehdet minghajr id-dritt ta' l-assistenza legali.

Il-kumplament tax-xhieda prodotta fil-fatt hija fil-maggoranza dik tal-ko-akkuzati fl-original imressqa ma' l-imputat. Wiehed irid pero jiftakar ukoll illi dan il-gudizzju qieghed jinghata biss fil-konfront ta' Jason Psaila, stante li l-ko-imputati l-ohrajn ammettew l-akkuzi mill-bidu ta' dawn il-proceduri. Tant allura li fil-konfront taghhom inghatat decizjoni datata 30.04.1998 (folio 173 et sequitur ta' l-atti).

Ghalhekk, fit-12 ta' Mejju, 1998, maghluqa l-kawza tieghu, xehed Stephen Caruana. Qal illi kien sabu l-imputat meta hu kien pulizija, u talbu jaghmillu sketch, dan fuq zewg karozzi Rover convertible hadra, u Land Rover series 90 ukoll ta' kulur ahdar. Ghalhekk l-imputat talbu jaghmillu sketch biex ikunu jistghu jikklejmjaw mill-insurance. Ftehmu li ta' dan Jason kellu jaghtih Lm150.00. Skondtu kien Jason illi sab in-nies tal-Land Rover, ghalhekk dan ix-xhud kien iltaqa' mas-sidien li tawh l-sketch. Xehed ukoll illi l-habta ma kinitx saret fil-post indikat fl-sketch, pero fi

sqaq tal-garaxx fejn kien jahdem l-imputat. Xehed illi hu kien ghalhekk ha din il-Land Rover u hadha fil-post biex juzawha ghad-daqqa. Ikkonferma l-sketch li ghamel hu ghal dan l-iskop, Dok MC1. Qal illi anke kien saq hu l-Land Rover ghal fuq ir-Rover.

Xehed ukoll illi hu thallas Lm150.00 ta' dan minghand sid ir-Rover.

Minn naha tieghu Paul Pisani, li wkoll il-kawza tieghu kienet ghaddiet in gudikat, xehed illi r-Rover ta' huh iz-zghir kien inxurjat fuqu. Jaf illi dan kien habat il-Furjana, ghalhekk huh kien talbu jigborlu l-flus minghand l-Elmo Insurance. Qal illi ta l-particulars tieghu lil wiehed pulizija. Mar fi sqaq u ta l-particulars tieghu lill-pulizija. Qal illi ltaqghu fl-isqaq biex jaghmlu d-daqqa. Qal illi qabdu r-Rover, tawh daqqa fil-genb, u mbuttawh go hajt - hu flimkien ma' l-imputat, huh u l-pulizija. L-insurance lilu tawh Lm6,500.00 li xehed illi tahom kollha lil huh iz-zghir. Qal illi r-Rover wara li habtet kien zammha Jason.

Muri l-sketch Dok MC1, xehed illi hu qatt ma kien qieghed isuq dik ir-Rover hekk involuta fl-incident.

Minn naha tieghu Joseph Pisani xehed illi hu wkoll kellu l-kawza tieghu deciza. Semma li kellu ncident gewwa l-Furjana bil-vettura Rover bin-numru tar-registrazzjoni AAA389. Wara hekk kien hadha ghand l-imputat, dan bhala panel beater. Kien jafu. Skondtu kien dan Jason illi ssugerixxa lill-pulizija biex jaghmel sketch, dan jekk jigi moghti flus. Qal illi ghamlu l-karozza fl-isqaq ta' Jason u taw daqqa lir-Rover b'Land Rover ta' iehor li ma kienx jaf. Qal illi hu kien ta l-flus lill-pulizija ta' l-sketch. Xehed ukoll illi wara li gabar il-flus mill-insurance, anke biegh l-istess Rover lill-imputat versu s-somma ta' Lm2,300.00.

William Harmon, il-ko-akkuzat l-iehor, ghazel illi ma jixhidx in kwantu l-kawza tieghu kienet qed tistenna l-ezitu tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

In konferma ta' dak illi xehed l-ahhar xhud Pisani, xehed ukoll certu Andre' Pisani li xehed illi f'Dicembru 1997, kien

xtara karozza tal-marka Rover mahbuta. In-numru ta' din il-karozza kien AAA389. Qal illi din il-karozza kienet f'garage f'Hal-Luqa. Qal illi staqsa lil Jason biex ikun jista' jixtri din il-karozza minghand Pisani. Qal illi dan kien bniedem li kien ibieghlu l-spare parts, cioe' l-imputat. Qal illi din il-vettura kienet fil-fatt ghand l-imputat fil-garaxx tieghu. Xehed pero li hu ma xtarax minghand Jason. Xehed illi jaf li dwar din il-karozza kien hemm xi affari ma' l-insurance, xtraha versu l-prezz ta' Lm2,600.00. Qal illi l-flus tahom lill-imputat, baghthom lil Pisani tramite l-imputat. Qal illi hu kien tkellem ma' Paul Pisani li ltaqa' mieghu fil-garaxx ta' l-imputat, u tkellmu fuq it-transfer. Xehed illi tkellem kemm ma' Pisani kif ukoll ma' l-imputat fuq il-prezz.

Minn naha tieghu Brian Farrugia xehed illi r-Rover AAA389 kienet tghajjat lil certu Paul Pisani.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia' gie premess, din il-Qorit mhix ser tidhol fil-mertu ta' kif giet mehuda l-istqarrija rilaxxata. Certament din l-istqarrija ttiehdet fuori r-regime tad-dritt ta' l-assistenza legali. Ghalhekk tqis inutli din il-Qorti li tezamina l-hinijiet li fiha ttiehdet, ghalkemm dan wahdu mhux fattur li necessarjament jimpingi fuq il-volontarjeta' ta' l-istqarrija, ghalkemm mhux eskluz li jista' jaghmel hekk.

Issa x-xhieda mressqa certament bdew bhala ko-akkuzati f'dawn il-proceduri. Pero dawn, ghajr ghal wiehed, xehdu meta l-kawzi taghhom, vera relatati, ghaddew in gudikat. Issa l-abbli Avukat Difensur, issottometta li in kwantu x-xhieda migjuba, cioe' ta' l-ahwa Pisani u dik ta' Stephen Caruana, kienu komplici, allura x-xhieda taghhom wahidha issa eskluza l-istqarrija wkoll, ma setghet qatt twassal biex tifforma xi prova minghajr xi tip ta' korraborazzjoni.

L-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti*

*ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.*"

Illi din id-direzzjoni necessarja lill-gudikant hekk imsejjah tal-fatt hija ovvja u ferm necessarja, in kwantu ghall-periklu li ggorr maghha xhieda ta' komplici. Pero f'dan il-kaz dawn il-komplici wkoll ko-akkuzati, kif inghad, xehdu bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni biss meta ma kellhom xejn aktar x'jitilfu ghax il-kawza taghhom kienet ghaddiet in gudikat.

Insibu hekk fi "Cross & Tapper on Evidence" (Colin Tapper Eleventh Edition, pagna 271 – 272):
"*When several people are charged in the same indictment, there are various devices by which the prosecution can render one of them competent and compellable against the others. A nulle prosegui may be filed with reference to his case, it may be stated that no evidence will be offered against him when he will be acquitted; an order for separate trails may be obtained; or he may plead guilty in this last event, it is a matter for the discretion of the count whether or not the witness should be sentenced before being called on behalf of the Prosecution.*"

Terga' tirritjeni din il-Qorti li wiehed ghandu jiftakar li fil-fatt it-tliet xhieda li ghalihom id-Difiza kienet qed taghmel referenza, xehdu biss wara li l-kawza taghhom ghaddiet in gudikat.

Ghaldaqstant, konsiderando x-xhieda prodotta, u dak li almenu jirrizulta mill-fatti, din il-Qorti qieghda ssib lil Jason Psaila hati wara li rat l-Artikoli 120, 308, 309, 310, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 295, 180, 185, 186, 187, 188, kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, ikkunsidrat illi din il-kawza bdiet tinstema' fis-sena 1998, u biddlet almenu tliet Magistrati, anke telghet kif gia' ntqal fl-Appell, tenut kont ta' dan it-trapass taz-zmien, ghalhekk ma tqisx li l-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, ghaldaqstant qieghda

tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu, u tikkundanna lill-imputat Jason Psaila ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------